**21 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joe Borg

## Talba f'Rikors ta' Appell - Logħob ta' l-Ażżard

*Meta t-talba f'rikors ta' appell għandha manifestament tkun talba għar-riforma mentri tiġi mitluba r-revoka, tali rikors huwa null fuq il-bażi ta' karenza tar-rekwiżit imsemmi fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Joe Borg talli bħala segretarju tal-Każin tal-Banda La Stella u bħala persuna responsabbli għall-amministrazzjoni u l-*management* ta' dan il-*club* u dan skond ir-regolamenti tar-reġistrazzjoni tal-*clubs* ta' l-1939 kif jindika l-istess ċertifikat tar-reġistrazzjoni maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll skond l-artikolu 322 tal-Kap. 10, fix-xhur

immedjatament preċedenti ċ-ċitazzjoni (li ġġib id-data tas-7 ta' Ottubru, 1994) u b'mod manifest fit-30 ta' Settembru, 1994 ħalla li jsir użu f'dan l-istess każin u dan bi ksur ukoll ta' l-Avviż Legali 43 ta' l-1988, barra l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali; kif ukoll talli bi ksur ta' l-Avviż Legali 43 ta' l-1988 ħalla l-istess makna tiġi użata bi ksur ta' l-artikolu (*recte*: regolament) 5 ta' dan l-istess Avviż Legali meta l-lagħba kellhom jitfgħu fil-makna munita ta' aktar minn għaxar ċenteżmi biex isir il-logħob; dik l-ewwel Qorti kienet mitluba mill-prosekuzzjoni sabiex minbarra l-piena stabbilita tordna l-konfiska ta' l-imsemmija makna;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-12 ta' Ottubru, 1994 li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Joe Borg minn kull imputazzjoni u piena;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 1994 li bih talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza hawn aktar 'il fuq imsemmija u minflok issib lill-appellat Joe Borg ħati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi n-noti eruditi ta' osservazzjonijiet; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali ġie impostat b'dan il-mod:

"Illi l-aggravju hu ċar u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti m'għamlitx distintazzjoni (*recte*: distinzjoni) legali bejn logħob ta' l-azzard u logħob tal-mogħdija taż-żmien. Illi jiġi rrilevat li l-akkużi kienu alternattivi u ċjoe' l-ewwel akkuża kienet tal-logħob

ta' l-azzard u t-tieni dik tal-logħob tal-mogħdija taż-żmien f'liema l-aħħar każ il-liġi tistipola massimu ta' logħba ta' għaxar ċenteżmi. Illi l-ewwel Qorti ekwiparat iż-żewġ akkużi billi qalet li l-makna taqa' wkoll "forsi" taħt l-artikolu 338(h) tal-Kodiċi Kriminali. Illi din hi konklużjoni erronea għax hemm distinzjoni kbira bejn logħob ta' l-azzard li hu dak il-logħob li biex tirbaħ ma tridx kapaċita` imma fortuna u l-logħob b'*amusement machine* jirrikjedi parteċipazzjoni fil-logħob. Illi għalhekk l-interpretazzjoni korretta legali għandha tkun li l-ewwel akkuża hija applikabbli f'dan il-każ";

Minn dana l-paragrafu, kif ukoll mill-paragrafu li fih l-Avukat Ġenerali jiddeskrivi l-fatti *in breve* (f'liema paragrafu jingħad kategorikament li l-makna in kwistjoni kienet "makna tal-logħob ta' l-azzard" u li "l-logħob kien jikkonsisti filli persuna titfa' *five cents* u skond ix-xorti tirbaħ jew titlef mingħajr ebda abilita` tal-ġugatur") hu evidenti li l-appellant Avukat Ġenerali qed jikkontendi (a) li hemm żewġ akkużi ipotizzati fil-konfront ta' l-appellat, (b) li dawn iż-żewġ akkużi huma separati u distinti (ċ) li l-appellat kellu jiġi misjub ħati u għandu hekk jiġi misjub ħati minn din il-Qorti, ta' l-ewwel akkuża;

Issa, pero`, jirriżulta ċar mis-sentenza appellata li l-appellat ġie lliberat miż-żewġ imputazzjonijiet. Ġaladarba l-Avukat Ġenerali mhux qed jikkontesta l-liberazzjoni mit-tieni imputazzjoni jew akkuża iżda hu evidenti li qiegħed jinsisti li għandha tinstab ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni (jew akkuża) biss, it-talba ta' l-appellant kellha tkun għar-riforma jew tibdil tas-sentenza appellata u mhux għar-revoka tagħha. Kif ġie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kriminali meta kienet tisma' appelli mill-Qrati Inferjuri, meta t-talba għandha manifestament tkun talba għar-

riforma mentri tiġi mitluba r-revoka, ir-rikors ta' appell ġie ritenut null fuq il-bażi ta' karenza tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9 (ara, fost oħrajn, **Il-Pulizija *vs* Anthony Zammit**, 1/10/60, Kollez. Vol. XLIV.IV.940; **Il-Pulizija *vs* Richard Vincenti Kind**, 16/9/72; u **Il-Pulizija *vs* Carmelo Agius**, 14/10/72). Tali nullita` hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti;

Għal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Ġenerali irritu u null u konsegwentement ma tiħux konjizzjoni ulterjuri tiegħu.